# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 27 ta' Jannar, 2022**

**Kawża Nru. 14**

**Rik. Nru. 335/09JRM**

Martin **COSTA**

vs

Jonathan **BUĠEJA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-3 ta' April, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrent talab li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għal korriment u ġrieħi li huwa ġarrab fl-14 ta' Ġunju, 2008, fil-Bajja tal-Mistra, San Pawl il-Baħar, limiti tal-Mellieħa, meta l-istess imħarrek ħabat għalih; (b) tillikwida d-danni mġarrba minħabba dan il-korriment; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrek iħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż,

magħduda dawk tar-Rikors għal ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni li tressaq flimkien mal-kawża;

Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tal-15 ta’ April, 2009[1], li bih ordnat li ssir in-notifika tal-atti lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat ir-Risposta maħlufa mressqa mill-imħarrek fis-26 ta’ Mejju, 2009, li biha laqa’ għall-azzjoni attriċi fil-mertu billi jiċħad li hu jaħti b’xi mod għall-inċident u billi jixħet il-ħtija ta’ dak li ġara fuq l-attur innifsu. Jgħid li hu ma kkawża ebda ġrieħi lill-attur u għaldaqstant m’għandu jbati l-ħlas tal-ebda dannu. Jikkontesta wkoll il-perċentwali ta’ diżabilita` li l-attur jgħid li għadu jbati minn dak l-inċident;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta’ Ġunju, 2009[2], li bih ħatret lill-Avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor il-provi tal-partijiet, kif ukoll lill-konsulent Carmel Sciberras bħala espert mediku;

Rat ir-rapport imressaq mill-espert mediku fil-5 ta’ Jannar, 2012, u minnu maħluf kif imiss fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili fit-18 ta’ April, 2013[3];

Rat in-Nota tal-attur tal-10 ta’ Ġunju, 2013[4], li biha talab il-ħatra ta’ periti addizzjonali;

Rat li b’ordni ta’ surroga tal-24 ta’ Jannar, 2014[5], din il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta’ Marzu, 2015[6], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq quddiem din il-Qorti;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm mill-partijiet[7];

Rat l-atti u d-dokumenti kollha mressqa f’din il-kawża;

---

[1] Paġ. 7 tal-proċess
[2] Paġġ. 42 – 4 tal-proċess
[3] Paġġ. 160 – 3 tal-proċess
[4] Paġ. 165 tal-proċess
[5] Paġġ. 170 – 1 tal-proċess
[6] Paġ. 260 tal-proċess
[7] Paġ. 263 tal-proċess

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara inċident li seħħ f'bajja pubblika meta, hu u nieżel fil-baħar biex jiġbor xi ħaġa, l-attur intlaqat minn dgħajsa (tal-għamla "*model racing powerboat*") mħaddma mill-imħarrek u weġġa' u, minbarra dan, wara li tela' lura mill-baħar, l-imħarrek ħabat għalih u darbu. Iż-żewġ partijiet għandhom in-namra tad-dgħajjes tat-tlielaq misjuqa permezz ta' *remote control* u kienu jafu 'l xulxin qabel dakinhar. L-attur jgħid li, waqt li kien fil-baħar biex jiġbor ħwejġu, l-imħarrek saq id-dgħajsa tiegħu għal fuqu u laqtu fuq il-warrani b'tali mod li kkawżalu ġrieħi li ma jgħaddux. Jixli wkoll lill-imħarrek li darbu għax ried billi garalu ċagħqa u ħebb għalih meta tela' fuq l-art;

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrek jiċħad kull xilja tal-attur u kif ukoll li b'xi mod jaħti għal xi ħsara li ġarrab. Jgħid li l-attur qatt ma messu niżel fil-baħar meta kien hemm id-dgħajjes li kienu għadhom qed jinsaqu u għalhekk dak li għadda minnu ġabu b'idejh. Jiċħad li kkawża xi dannu lill-attur u jgħid li kien l-attur li hebb għalih;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-kawża</u> jirriżulta li nhar l-14 ta' Ġunju, 2008, l-attur, l-imħarrek, Jonathan Buġeja, Jean Claude Carabott u Paul Attard, fost oħrajn, kienu fil-bajja tal-Mistra, fil-limiti tal-Mellieħa, isuqu dgħajsa tat-tlielaq fil-baħar minn fuq ix-xatt permezz ta' *remote control*;

Illi f'xi ħin l-attur niżel fil-baħar u ħareġ bejn ħmistax (15) u għoxrin (20) metru 'l barra mix-xatt biex itella' d-dgħajsa tiegħu li kienet waqfet fl-ilma bil-ħsara, qabel ma tegħreq[8]. F'ħin minnhom waqt li l-attur kien għadu fil-baħar, intlaqat mid-dgħajsa tal-imħarrek minn wara[9]. Bir-rabja, u waqt li kien għadu fil-baħar, Costa xeħet id-dgħajsa tal-imħarrek fuq ix-xatt u għamlilha l-ħsara[10]. Id-dgħajsa tal-imħarrek li laqtet lill-attur kienet twila qrib metru, magħmula b'qafas tal-*fibre-glass* u l-magna tagħha taħdem bil-*methanol* u meta tinsaq fl-ogħla veloċita` ttella' mas-sitta u ħamsin kilometru fis-siegħa (56 kph)[11];

Illi x-xhud Carabott li kien mal-partijiet dak il-ħin tal-inċident jgħid li ra lill-imħarrek jipprova jwaqqaf id-dgħajsa[12], filwaqt li l-attur jgħid li, minkejja li Buġeja kien f'qagħda li jarah, xorta dderieġa d-dgħajsa tiegħu għal

---

[8] Ara x-xhieda ta' Jean Claude Carabott mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 219 tal-proċess
[9] *Ibid* f'paġ. 224 tal-proċess
[10] Ara l-affidavit ta' Paul Attard f'paġ. 133 tal-proċess
[11] Kontro-eżami tal-imħarrek f'paġġ. 179 sa 181 tal-proċess
[12] Ara l-affidavit ta' Jean Claude Carabott f'paġ. 131 tal-proċess

fejn kien jinsab hu[13]. L-imħarrek xehed li, minkejja li seħħlu jnaqqas il-ħeffa li biha kienet miexja d-dgħajsa tiegħu, "ir-*remote control* m'obdinix u d-dgħajsa tilfet id-direzzjoni"[14] u pprova jiġbed l-attenzjoni tal-attur biex iżomm 'il bogħod;

Illi meta l-imħarrek ra li l-attur kissirlu d-dgħajsa, garalu xi ċagħaq[15] li l-attur jgħid li laqtuh fi spalltu[16]. L-attur u l-imħarrek ġew fl-idejn, u ferraqhom ix-xhud Attard[17]. L-imħarrek ġabar ħwejġu u telaq minn fuq il-post, filwaqt li l-attur baqa' jitkellem ma' Attard[18], u aktar tard ġie għalih missieru[19]. L-attur twassal l-Isptar *Mater Dei* fejn inżamm għal ftit jiem minħabba li kien iċċertifikat li ġarrab daqqiet f'rasu u ġrieħi fil-warrani tiegħu, fejn ġie operat. Kellu wkoll il-minkeb żlogat[20];

Illi l-pulizija tal-Għassa tal-Qawra ġew infurmati b'dan l-inċident mill-*Casualty* tal-Isptar Mater Dei u ħadu l-istqarrija kemm tal-attur waqt li kien għadu l-isptar u kif ukoll tal-imħarrek[21]. Aktar tard inħarġu atti ta' akkuża kontra ż-żewġ partijiet;

Illi wara l-inċident, l-attur għamel sitt ġimgħat ma jidħolx għax-xogħol[22]. Dakinhar tal-inċident l-attur kellu erbgħa u tletin (34) sena u kien jaħdem bħala *electrician* mal-kumpanija tat-trasport pubbliku[23] u wkoll għal rasu billi jsewwi l-karozzi bħala *electrician*[24]. Jgħid li, minħabba l-inċident, baqa' ma jistax jagħmel dak ix-xogħol waħdu kif kien jagħmel qabel u jkollu jitlob l-għajnuna ta' ħaddieħor – l-aktar ta' missieru – meta jkun hemm xogħol ta' strapazz[25];

Illi fl-4 ta' Novembru, 2008, l-attur kien iċċertifikat mill-konsulent ortopediku Charles Grixti b'debilita` li ma tgħaddix ta' tmienja fil-mija (8%)[26];

Illi fit-3 ta' April, 2009, infetħet din il-kawża;

Illi b'sentenza li ngħatat fit-3 ta' Novembru, 2010[27], u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imħarrek ħati, fost oħrajn, li kkaġuna ferita ta'

---

[13] Ara x-xhieda tal-attur fil-kontro-eżami f'paġ. 243 tal-proċess
[14] Affidavit tiegħu f'paġ. 129 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda ta' Paul Attard mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 232 tal-proċess
[16] Ara x-xhieda tal-attur mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 257 tal-proċess
[17] Ara l-affidavit ta' Paul Attard f'paġ. 134 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda ta' Paul Attard mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 232 tal-proċess
[19] *Ibid* paġ. 233 tal-proċess
[20] Ara l-affidavit tal-kirurgu Dennis Gatt f'paġ. 114 tal-proċess. Ara wkoll paġ. 109 tal-proċess
[21] Ara x-xhieda ta' Edmond Cuschieri f'paġġ. 91 – 5 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "EC1" u Dok. "EC" f'paġġ. 96 sa 103 tal-proċess
[22] Ara paġ. 57 tal-proċess
[23] Xhieda tal-attur fil-kontro-eżami f'paġġ. 256 – 7 tal-proċess,
[24] Xhieda ta' Kevin Cassar f'paġ. 144 tal-proċess
[25] Affidavit tiegħu f'paġ. 75 tal-proċess
[26] Paġġ. 57 – 9 tal-proċess
[27] Dok "AZ", f'paġġ. 76 sa 82 tal-proċess

natura gravi fuq l-attur meta hu u l-attur ġew fl-idejn wara li l-attur kien għamel ħsara lid-dgħajsa tal-imħarrek, liema reat, iżda, tqies bħala skużabbli minħabba provokazzjoni min-naħa tal-attur. L-imsemmija sentenza sabet lill-imħarrek ħati wkoll li kkawża ferita ta' natura ħafifa fuq l-attur meta dan intlaqat mid-dgħajsa tal-imħarrek b'mod aċċidentali;

Illi fil-5 ta' Jannar, 2012, waqt li kienet miexja din il-kawża, l-espert mediku maħtur mill-Qorti, il-konsulent ortopediku Carmel Sciberras, iċċertifika lill-attur b'debilita` li ma tgħaddix ta' tnejn fil-mija (2%)[28];

Illi fl-20 ta' April, 2012[29], il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma sabetx lill-attur ħati tal-akkuża li volontarjament ikkawża ħsara fuq ħwejjeġ Buġeja, u nħeles minn kull piena u ħtija;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ. Il-Qorti trid tistħarreġ dwar min kien ħati tal-inċident li fih korra l-attur u dan fid-dawl tal-eċċezzjoni mressqa mill-imħarrek li jisħaq li ma kien jaħti xejn għall-inċident u li l-ħtija kellu jġorrha l-attur għaliex kien hu li pprovokah. Il-Qorti tqis ukoll li għalkemm l-attur jitkellem fuq l-inċident bħallikieku kien episodju wieħed, jidher ċar li, mill-pretensjonijiet tiegħu, huwa jirreferi għal żewġ ċirkostanzi: l-ewwel waħda hija x'ħin intlaqat fil-warrani mid-dgħajsa tal-imħarrek waqt li kien għadu fil-baħar; filwaqt li t-tieni waħda hija dwar dak li seħħ meta l-imħarrek ħabat għalih wara li tela' l-art;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-inċident seħħ, iżda bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu kienu qribhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet[30];

Illi xieraq li jingħad li l-azzjoni magħżula mill-attur trid titqies fil-qafas ġuridiku xieraq tagħha. Huwa jibni l-azzjoni tiegħu fuq il-ħbit li huwa jgħid li sar fuqu mill-imħarrek u mill-ġrieħi li ġarrab hekk kif intlaqat mid-dgħajsa misjuqa mill-imħarrek. Huwa miżmum li l-ħsara kaġunata minn ħbit jew minn ġlieda mhijiex meqjusa bħala ħsara kuntrattwali u lanqas akwiljana, imma bħala

[28] Paġ. 160 – 3 tal-proċess
[29] Dok f'paġġ. 117 – 122 tal-proċess
[30] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Galea vs Ġużeppi Galea*** (mhix appellata)

waħda ta' danni konsegwenzjali għal għemil kriminuż li għalih jgħoddu l-prinċipji tad-dritt kriminali[31];

Illi bħal f'kull każ ieħor ta' azzjoni mibnija fuq id-dannu u l-kumpens pretiż, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dak dwar x'ġara tassew fl-episodju in kwestjoni u x'rabta kellu ma' dak li għadda minn għalih l-attur. B'dan il-mod, tkun f'qagħda li tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwar min jaħti għal dak li ġara u min irid jagħmel tajjeb għalih. Huwa l-obbligu tal-attur li jġib prova tajba biżżejjed biex isostni l-każ tiegħu.

Illi fil-kamp ċivili, ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabbilta` għall-għemil jew nuqqas ta' għemil tagħha[32]. In-nuqqas ta' għaqal, prudenza jew ħsieb minn persuna fl-aġir tagħha tpoġġiha fl-istat li trid twieġeb u tagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk[33]. L-attur jisħaq li, hu u jsuq id-dgħajsa, l-imħarrek kien f'qagħda li jarah u messu ntebaħ li kien jinsab fil-baħar miexi lejn id-direzzjoni tad-dgħajsa tiegħu biex jiġborha. Jisħaq ukoll li lill-imħarrek wissieh li kien se jinżel fil-baħar biex jiġbor id-dgħajsa, u minkejja dan, l-imħarrek ma żammx id-dgħajsa tiegħu 'l bogħod minnu u spiċċa laqtu biha u korrih. Jgħid ukoll li, meta tela' fuq l-art, l-imħarrek ħabat għalih;

Illi f'din il-kawża, biex iwarrab minn fuqu x-xilja tal-ħtija, l-imħarrek joħroġ bid-difiża li kien l-attur li ġab kollox b'idejh. Fl-ewwel lok, jgħid li l-attur ma messu qatt niżel fil-baħar meta kien hemm dgħajjes għadhom jinsaqu u li kien hemm regola (fil-klabb tagħhom) li d-dgħajjes li jieqfu b'avarija jew għaliex jintilef il-kontroll tagħhom mill-art, kellhom jinġabru minn fuq *dinghy* u mhux toħroġ għalihom bl-għawm. Fit-tieni lok, jgħid li meta l-attur intlaqat mid-dgħajsa, beda jagħtiha bil-ponn u kien minħabba f'hekk li ġarrab ġrieħi fi driegħu x-xellugi u żloga minkbu. Fit-tielet lok, jgħid ukoll li l-attur u hu ġew fl-idejn, minħabba li l-attur beda jagħti bil-ponn fuq id-dgħajsa li laqtitu u mbagħad kompla billi xeħitha b'sabta fuq il-blat u għamlilha ħsarat kbar. Fi kliem ieħor, f'din it-tieni ċirkostanza, l-imħarrek jgħid li l-attur kien ipprovokah u li dak li seħħ wara bejniethom kien il-frott tas-saħna tal-waqt;

Illi għal dak li jirrigwarda d-difiża tal-kontributorjeta` jgħodd l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili, li bis-saħħa tiegħu n-negligenza tal-parti li tbati l-ħsara tnaqqas mill-ħtija tad-danneġġjant. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra[34], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-

[31] App. Ċiv. **30.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Gauċi*** (Kollez. Vol: **XL.i.376**)
[32] Art. 1031 tal-Kap 16
[33] Art. 1033 tal-Kap 16
[34] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**)

każ u l-provi riżultanti[35]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta` għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara[36]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta` tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta` min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta` fejn il-vittma tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu li tkorri jew li ġġarrab ħsara[37]. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*;

Illi kif ingħad f'ċirkostanzi oħrajn bħal dawn, "*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself*"[38];

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'Awtorita` li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju; (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja; u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilita` tar-riskju li dieħla għalih[39]. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għemil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għemil tal-parti l-oħra[40];

Illi fil-każ li għandha quddiemha, meta l-Qorti tqis l-imġiba tal-attur fir-rigward tal-inċident li seħħ fil-baħar, jirriżultawlha t-tliet elementi imsemmija. Jirriżultalha li (i) l-attur minn jeddu aċċetta li jinżel fl-ilma bil-ħsieb li jtella' d-dgħajsa li kienet waqfitlu minkejja li d-dgħajsa tal-imħarrek kienet għadha mqabbda; (ii) l-attur għażel li jagħmel dan minkejja li wieħed minn dawk li kienu miegħu (Paul Attard) kien offrielu biex juża d-*dinghy* tiegħu biex joħroġ għad-dgħajsa[41]; u (iii) li l-attur kien jaf x'kien ir-riskju li qed jesponi ruħu għalih;

---

[35] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Buġeja vs Dennis Aġius***
[36] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et***
[37] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et vs John Pisani et noe***
[38] ***Froom vs Butcher*** CA QB 286 (1976) per Denning LJ
[39] Ara s-sentenza P.A. RCP **31.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost plc*** (mhix appellata)
[40] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et*** (mhix appellata)
[41] Ara l-affidavit ta' Paul Attard f'paġ. 133 tal-proċess

Illi rigward it-tielet element, l-attur jgħid li, qabel ma niżel fl-ilma, avża lill-imħarrek b'dak li kien ser jagħmel[42] u għaldaqstant il-Qorti fehmet li huwa jrid jixħet il-ħtija fuq l-imħarrek li messu waqqaf id-dgħajsa jew tal-anqas joqgħod aktar attent biex ma jkorrihx. Tal-istess fehma waslet għaliha l-Qorti Kriminali fis-sentenza mogħtija kontra l-imħarrek meta tgħid li "*Jidher illi huwa (Bugeja) kien ġie avżat b'dana l-fatt mill-istess Costa u għalhekk messu ħa l-prekawzjonijiet kollha sabiex jara illi d-dgħajsa tiegħu ma kenitx ta' periklu ...*"[43]. Lil din il-Qorti, iżda, din il-verżjoni tal-fatti ma tirriżultalhiex. Għall-kuntrarju mix-xhieda mressqin f'din il-kawża, l-attur "qasam ta' malajr" minn quddiem l-imħarrek[44], liema xhieda donnha tagħti 'l wieħed x'jifhem li l-attur niżel fil-baħar ħabta u sabta mingħajr ebda avviż. Din aktar toqrob lejn il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-imħarrek meta jgħid li l-attur bla ma tah iċ-ċans itella' d-dgħajsa, niżel sa qaddu fil-baħar biex jgħum għad-dgħajsa tiegħu[45];

Illi waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, l-għaref difensur tal-attur stqarr li l-inċident tal-bidu (jiġifieri dak l-episodju fejn l-attur intlaqat mid-dgħajsa) kien wieħed aċċidentali. Huwa jgħid, iżda, li ladarba l-imħarrek ra lill-attur nieżel fil-baħar, kien messu għamel dak kollu meħtieġ biex ma jħallix id-dgħajsa misjuqa minnu toqrob lejn l-attur. Din il-Qorti taqbel ma' dan, iżda l-attur baqa' ma tax raġuni tajba għaliex qiegħed lilu nnifsu fil-periklu meta seta' stenna ftit ħin sakemm l-imħarrek iressaq id-dgħajsa tiegħu lejn l-art u jiskansa minn kull riskju ta' ħsara. L-attur ma jistax jitqabbel ma' xi persuna li setgħet kienet qiegħda tgħum fl-inħawi għall-affari tagħha bla ma kellha x'taqsam ma' dak li kien għaddej. L-attur kien ma' sħabu li kienu niżżlu d-dgħajjes tagħhom biex itellquhom u kien midħla sewwa tas-saħħa li kellhom billi huwa wkoll kien sid ta' dgħajsa bħalhom;

Illi fid-dawl ta' dawn is-sejbiet u tal-prinċipji legali li ssemmew, il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni tal-kontributorjeta` għar-rigward tal-inċident li seħħ fil-baħar hija tajba u ssib li l-imġiba tal-attur qatgħet ir-rabta tal-kawżalita` bejn l-għemil tal-imħarrek u l-ħsara mġarrba bid-daqqa tad-dgħajsa;

Illi bla ma tnaqqas xejn mis-siwi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tirrileva wkoll li mid-daqqa li qala' bid-dgħajsa tal-imħarrek, għalkemm l-attur dakinhar korra u kellu jiddaħħal l-isptar u sarlu intervent kirurġiku, jirriżulta mill-kostatazzjonijiet tal-espert mediku maħtur mill-Qorti li dawk il-ġrieħi fiequ għal kollox u ma ħallew l-ebda effetti fuq saħħet l-attur u wisq aktar xi debilita` li ma tgħaddix fil-persuna tiegħu;

---

[42] Ara l-affidavit tal-attur f'paġ. 73 tal-proċess
[43] Paġ. 80 tal-proċess
[44] Ara x-xhieda ta' Jean Claude Carabott mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 219 tal-proċess
[45] Ara l-affidavit tal-imħarrek f'paġ. 128 tal-proċess

Illi l-kunsiderazzjonijiet dwar dik il-fażi tal-inċident huma ta' siwi wkoll għall-finijiet tat-tieni fażi – meta l-attur u l-imħarrek ġew fl-idejn. Li ġara kien – u dan joħroġ mill-atti ta' din il-kawża u kif ukoll mill-atti ta' proċeduri oħrajn li kien hemm fir-rigward ta' dan l-inċident – li hekk kif l-attur intlaqat mid-dgħajsa tal-imħarrek, intilef (bejn bl-uġigħ tad-daqqa u bejn għax deherlu li l-imħarrek kien laqtu apposta bil-ħsieb li jxarrbu biex jinbxu) u fid-dagħdigħa beda jagħti bil-ponn lid-dgħajsa li laqtitu u kompla billi refagħha mill-ilma u xeħitha b'tisbita fuq l-art tax-xatt. Hekk kif tela', u wara li kien għadda xi kliem bejnu u l-imħarrek, seħħet it-tieni fażi tal-inċident. F'din il-fażi wkoll, l-attur ġarrab ġrieħi fi driegħu x-xellugi u f'għonqu u jgħid li dan kien minħabba x-xebgħa li qala' mingħand l-imħarrek;

Illi għar-rigward tar-responsabbilita` dwar l-inċident li seħħ fuq l-art, l-attur jixli lill-imħarrek b'aggressjoni, b'li tefagħlu ċagħaq imdaqqas u li laqtu f'dahru. L-imħarrek, min-naħa l-oħra, jgħid li kien l-attur li ħebb għalih. F'dan ir-rigward, l-imħarrek jistrieħ ukoll fuq id-difiża tal-provokazzjoni min-naħa tal-attur;

Illi d-diżabilita` li l-espert mediku wasal għaliha fil-konfront tal-attur hija marbuta ma ġrieħi li l-attur ġarrab l-aktar fil-minkeb ix-xellugi meta kellu l-ġog żlugat[46]. L-attur jidher li stqarr mal-espert mediku ġudizzjarju li dan ġara minħabba d-daqqiet bis-sieq li tah l-imħarrek hekk kif megħeku mal-art[47]. Mill-istess rapport ma jirrizultax li l-attur ġie affetwat meta ntlaqat f'dahru biċ-ċagħaq li l-imħarrek garalu. L-attur jisħaq li kien l-imħarrek li ħabat għalih u mar jiġri lejh hekk kif rah tiela' mill-ilma. Jgħid ukoll li, bħala fatt, l-imħarrek baqa' jsawtu sa ma qalbu mal-art u ħallih hemm. Jgħid li l-imħarrek idu ħafifa u biex isaħħaħ dan ressaq kopja tal-fedina penali tal-imħarrek biex juri li ta' dakinhar ma kinitx l-ewwel darba li l-imħarrek refa' jdejh fuq xiħadd[48];

Illi l-imħarrek jisħaq li huwa kien provokat mill-attur meta rah jagħti bil-ponn fuq id-dgħajsa li kienet laqtitu u mbagħad meta l-attur qabad dik id-dgħajsa u sabbatha max-xatt u għamlilha aktar ħsara;

Illi l-Qorti jidhrilha li għandha tqis u tistħarreġ din id-difiża tal-imħarrek għaliex tindirizza wkoll l-ewwel eċċezzjoni tiegħu. Id-difiża tal-provokazzjoni, jew aħjar id-dagħdigħa tal-mument (magħrufa bħala l-*calor rixae*) titlob li biex isseħħ, ukoll fil-qasam ta' azzjoni ċivili għad-danni, jrid jintwera li jrid ikun hemm grad xieraq ta' proporzjonalita` bejn l-għemil meqjus provokatorju u l-għemil li jnissel il-ħsara[49];

---

[46] Ara paġġ. 162 – 3 tal-proċess
[47] Ara paġ. 161 tal-proċess
[48] Dok "EC1", f'paġġ. 96 sa 100 tal-proċess
[49] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Jane Carbonara pro et noe vs Mark Julian Ryan et***

Illi huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.[50] Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha.[51] Huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[52] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[53];

Illi huwa miżmum li fil-każ li ż-żewġ partijiet iressqu verżjonijiet għal kollox konfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[54] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li *actore non probante reus absolvitur*[55]. Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[56];

Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[57] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[58]. Iżda dak li jgħodd f'kawża mhuwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "*il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verità, il-verità kollha, u xejn anqas minn dik il-verità kollha*"[59];

Illi l-imħarrek jallega li kien l-attur li, hekk kif intlaqat mid-dgħajsa, qabad jagħtiha bil-ponn bil-herra u xeħitha b'tisbita mal-art x'ħin tela' x-xatt. Huwa jgħid ukoll li l-attur kien jidher imbergħen u mikdud. L-attur innifsu xehed li, meta ntlaqat mid-dgħajsa tal-imħarrek, daħħalha f'rasu li dak kien għamilhielu

---

[50] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[51] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[52] Art. 562 tal-Kap 12
[53] Art. 559 tal-Kap 12
[54] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[55] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Caternig Co Ltd***
[56] Maġ. (Għ) AE **18.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***John Baptist Spiteri vs Michael Calleja*** (mhix appellata)
[57] Art. 562 tal-Kap 12
[58] Art. 559 tal-Kap 12
[59] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et***

apposta biex jinbxu. Qal ukoll li dak il-ħin kien muġugħ u midrub bid-daqqa li kien qala' u kien sabbat fuq id-dgħajsa. Jistqarr ukoll li meta refa' d-dgħajsa ma newwilhiex lil sidha, imma sabbatha mal-art fuq ix-xatt;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, din ir-rejazzjoni min-naħa tal-attur (filwaqt li wieħed jista' jifhmu f'dawk iċ-ċirkostanzi) ma kinitx waħda meqjusa u żgur mhux proporzjonali. Ma kienx biżżejjed għalih li juri l-ħasda tad-daqqa li kien qala' billi jsabbat bil-ponn fuq dak li kien laqtu, imma baqa' sa ma żvoga l-korla u l-frustrazzjoni tiegħu billi sabbatha fuq ix-xatt u kompla jagħmlilha ħsara. Dan l-għemil kien isarraf fi sfida lill-imħarrek u t-tkissir ta' ħwejġu kien tabilħaqq għemil ta' provokazzjoni, ukoll jekk, kif sabet il-Qorti tal-Maġistrati fil-każ imressaq kontrih[60], dak l-iżvog ma kienx għemil ta' ħsara volontarja. Mhux hekk biss, imma mill-provi fl-atti tal-kawża jidher li, hekk kif l-attur sabbat id-dgħajsa tal-imħarrek mal-art, baqa' sejjer fid-direzzjoni tal-imħarrek u donnu nesa d-dgħajsa tiegħu li kienet waqfet (u li kienet ir-raġuni għaliex l-attur kien niżel fil-baħar fl-ewwel lok) li jidher li kellu jkun ħaddieħor li mar jiġborhielu;

Illi kemm ix-xhieda Paul Attard kif ukoll Jean Claude Carabott jikkonfermaw li l-partijiet spiċċaw ġew fl-idejn u saħansitra waqgħu mal-art[61], dan wara li l-attur tela' mill-baħar mimli rabja għaliex kien intlaqat mid-dgħajsa tal-imħarrek, filwaqt li l-imħarrek kien irrabjat dwar il-fatt li l-attur kissirlu d-dgħajsa. Iżda filwaqt li Carabott jgħid li t-tnejn li huma waddbu l-ġebel lil xulxin[62], Attard jgħid li kien l-imħarrek waħdu li gara ġebla lill-attur[63];

Illi l-Qorti wara li fliet il-provi li tressqu quddiemha, tasal għall-fehma li l-attur ma tefax ġebel lill-imħarrek. Madankollu, jirriżulta li kemm hu u kif ukoll l-imħarrek tqabdu f'xulxin. Kemm hu hekk, ix-xhud Attard kellu jifraqhom u kien minħabba f'dak l-intervent li l-partijiet inqalgħu minn ma' xulxin u l-imħarrek dabbar rasu wara li ġabar id-dgħajsa tiegħu bil-ħsarat li kellha u telaq minn fuq il-post. Dan l-episodju seħħ minnufih malli l-attur tela' l-art u għalhekk ma kienx għadda żmien li fih il-parti provokata seta' kellha ħin tibred mill-effetti tal-att provokatur. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma li, minkejja li l-attur ġarrab ġrieħi meta ġie fl-idejn mal-imħarrek, huwa kkontribwixxa għal dak li ġara bl-għemil provokatorju tiegħu stess. Taqbel mal-fehma murija mill-Qorti Kriminali fil-proċeduri meħuda kontra l-imħarrek, li l-aggressjoni tal-imħarrek fil-konfront tal-attur kienet reazzjoni dovuta għal aġir provokatorju min-naħa tal-attur bil-ħsara li għamel fuq id-dgħajsa li ntlaqat biha[64];

---

[60] Paġ. 121 tal-proċess
[61] Ara x-xhieda ta' Paul Attard u ta' Jean Claude Carabott f'paġġ. 234 u 220 rispettivament tal-proċess
[62] Ara x-xhieda ta' Jean Claude Carabott fil-kontro-eżami f'paġ. 226 tal-proċess
[63] Ara x-xhieda ta' Paul Attard mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 235 tal-proċess
[64] Paġ. 79 tal-proċess

Illi fil-fehma tal-Qorti, ladarba l-attur ikkontribwixxa għall-inċident u ntwera li dak li għamel l-imħarrek kien il-frott ta' rejazzjoni għall-provokazzjoni mġarrba, l-**ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek tirriżulta mistħoqqa u jixirqilha tintlaqa'. Dan ifisser ukoll li l-Qorti ma tistax tilqa' l-argumenti tal-attur dwar l-**ewwel talba** tiegħu u ssib ħtija fl-imħarrek għal dak li huwa ġarrab;

Illi fin-nuqqas li l-ewwel talba attriċi ma tirriżultax, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek, u għall-istess raġunijet mhijiex sejra tidħol fil-kwestjoni dwar id-dannu li l-attur jgħid illi ġarrab b'riżultat tal-aggressjoni fuqu mill-imħarrek, għaliex dan huwa eżerċizzju konsegwenzjali li jsir biss fil-każ tas-sejbien ta' ħtija fl-imħarrek;

Illi għalhekk, lanqas it-talbiet attriċi l-oħrajn ma jistgħu jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek għaliex hija mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u ssib li l-imħarrek ma jaħtix għall-inċident li ġara fl-14 ta' Ġunju, 2008, fil-bajja tal-Mistra u lanqas ma jwieġeb għall-ġrieħi li ġarrab l-attur f'dak l-inċident;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** lill-attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D. ,**
**Imħallef**

**27 ta' Jannar, 2022**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**